

# Il-Patrijiet Karmelitani jagħlqu 600 sena li ġew Malta (1418 – 2018)

**Patri Hermann Duncan O.Carm.**

Bosta storiċi Maltin iżommu li l-Karmelitani setgħu ġew Malta qabel is-sena 1418 iżda dwar dan ma nsibu ebda dokument. Fil-ktieb ta' Patri Serafin Abela (Karmelitan) fl–1993 bl-isem ta' '*L-ewwel Karmelitani f'Malta - Il-Lunzjata l-qadima (1418 – 1659)*' jgħid li "l-ewwel dokument li niltaqgħu miegħu u li japprova indirettament il-miġja tal-Karmelitani f'Malta huwa t-testment tas-Sinjura Margarita d'Aragona di Pellegrino. Is-sinjura Margarita d'Aragona, mara twajba, ġeneruża u nobbli, ġejja mid-demm irjali u mill-familja d'Aragona, armla, mart il-mejjet nobbli Giacomo di Pellegrino, fil-5 ta' Ġunju 1418, billi kienet marida u riedet tiddisponi mill-ġid kollu li kellha, għamlet it-testment tagħha quddiem in-nutar Antonio Azzopardo. Fih ħalliet eredi universali liż-żewġ uliedha bniet Francia u Cesarea."

L-ewwel waħda kienet iżżewġet lil Ludovico di Plozasco u l-oħra lil wieħed nobbli mill-familja De la Habica. Hi ħalliet bħala esekuturi tat-testment tagħha lill-imsemmi Plozasco u 'l Giacomo De la Habica, neputi tagħha, flimkien ma' Dun Cataldo Cusburella, li dak iż-żmien kien kappillan tal-Katidral.



*Il-knisja tal-Lunzjata fir-Rabat, Malta*

Wara li ħalliet ħafna legati piji, is-Sinjura Margarita żiedet: "Inħalli wkoll il-knisja ta' Santa Marija Annunzjata li erġajt bnejt mill-ġdid fil-post hekk imsejjaħ u magħruf 'Santo Leonardo'. Għall-manutenzjoni tal-istess knisja u biex jinxtraw il-paramenti u l-ornamenti, jiġifieri kotba, kalċijiet, ilbies sagru, kwadri, slaleb, irħam tal-altar u ħwejjeġ oħra meħtieġa għall-istess knisja kif ukoll għall-għixien u bħala għajnuna lill-Patrijiet jew ta' dawk li jaċċettaw li jgħidu kuljum l-Uffiċċju Divin (il-Brevjar) fl-istess knisja, inħalli l-artijiet kollha li nippossiedi fil-post ta' San Leonardo, flimkien mal-ġnien li għandi hemm u l-artijiet li jinsabu miegħu u l-artijiet l-oħra kollha, kultivabbli jew mogħxa, li jinsabu fl-istess post. Inħalli wkoll bl-istess mod il-beni stabbli li għandi fil-gżira ta' Għawdex."

Hija mietet ftit jiem wara fix-xahar ta' Ġunju tal-1418. Ma għandna l-ebda dokument ta' meta l-esekuturi għamlu l-għotja tal-knisja lill-Karmelitani. Nafu żgur li fl-1441 ġa kien hemm komunità Karmelitana formata fil-Lunzjata u li l-pirjol kien Malti. Jidher għalhekk li l-patrijiet kienu ilhom ftit tas-snin sew li ġew Malta. Hu x'inhu, aħna nżommu l-1418 bħala d-data simbolika tal-wasla tal-Ordni tagħna f'Malta.

### Il-ħidmiet li wettqu l-Patrijiet Karmelitani f'Malta kemm ilhom li ġew

Fost il-ħafna patrijiet u reliġjużi Karmelitani, insibu bosta li baqgħu jissemmew għal tliet ħwejjeġ li għamlu: il-qdusija ta' ħajjithom, l-għerf li żejjinhom bih Alla u l-ħidma appostolika li huma wettqu.

**Ħa nibdew billi nsemmu l-qdusija ta' ħajjithom.** Kienu diversi patrijiet u reliġjużi li n-nies jafuhom għall-qdusija tagħhom. Kienu jarawhom jitolbu u dejjem moħħhom fil-preżenza t'Alla. Fost dawn insibu lil Patri Avertan Fenech, li l-kawża tiegħu għall-beatifikazzjoni miexja 'l quddiem.

**Insibu wkoll bosta patrijiet għorrief** li kienu jgħallmu fl-Università ta' Malta kif ukoll f'universitajiet barranin. Fost dawn insemmu

lill-poeta tal-Madonna, Patri Anastasju Cuschieri. Illum insibu wkoll patrijiet li qegħdin jgħallmu fl-universitajiet kif ukoll min jaħdem fil-*Biblioteca Vaticana*. Barra minn hekk insibu patrijiet li kitbu kotba, fosthom Patri Lawrenz Sammut, u kienu ta' għajnuna għall-poplu tagħna fit-tagħlim. Il-Karmelitani ħasbu wkoll biex jippubblikaw rivista bl-isem '*Il-Karmelu*' ħalli jxerrdu l-kariżma Karmelitana fil-gżejjer tagħna.

Fuq kollox bnew santwarju dedikat lill-Madonna tal-Karmnu li fih bosta nies minn pajjiżna jmorru jżuruh ta' spiss u li fih ippreżentaw lil uliedhom lill-Verġni Marija. Ir-reliġjużi Karmelitani xerrdu wkoll id-devozzjoni lejn il-labtu tal-Karmnu u bosta nies inkitbu fih.

**Tajjeb ngħidu li l-Karmelitani f'dawn is-600 sena wettqu ħafna appostolat** fi gżiritna u barra mix-xtut tagħna. Ħafna kienu l-patrijiet li kienu u għadhom magħrufa għall-predikazzjoni. Kien hemm uħud li meta ġew mitlubin, marru jipprietkaw barra minn Malta. Fuq kollox insibu diversi patrijiet li għaddew ħin twil iqarru u jgħinu lill-poplu tagħna fid-direzzjoni spiritwali. Barra minn hekk, il-patrijiet tagħna bnew skola, illum imsejħa *St Elias College* biex jgħinu lit-tfal u ż-żgħażagħ tagħna fl-edukazzjoni tagħhom kemm Nisranija kif ukoll f'dik ċivili. Illum, il-patrijiet Karmelitani jmexxu 4 parroċċi li huma Santa Venera, il-Fgura, il-Balluta u Fleur-de-Lys. Barra minn hekk, għandhom dar tal-irtiri fil-Lunzjata, fil-limiti tar-Rabat; il-kunvent tal-Imdina u dak ta' Santa Venera (il-qadima) kif ukoll insibuhom fil-missjoni tal-Bolivja fejn ilhom diversi snin.

**Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' dan l-anniversarju, sejrin infakkru xi avvenimenti li saru.**

Il-Konsagrazzjoni tas-Santwarju-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta mill-E.T. Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, nhar l-Erbgħa tal-Ottava tal-Għid il-Kbir u l-ewwel Erbgħa tal-Udjenza tal-Madonna tal-Karmnu, li saret fl-4 ta' April 2018.

Il-ftuħ mill-ġdid tad-Dar tat-Talb 'Lunzjata' fil-limiti tar-Rabat li saret nhar it-Tnejn 9 ta' April 2018, solennità trasferita tat-Tħabbira tal-Mulej.

U fis-16 ta' Lulju 2018 niċċelebraw it-Tifkira Solenni tal-Imqaddsa Verġni Marija tal-Karmelu li tkun immexxija mill-Pirjol Ġenerali P. Fernando Millán Romeral fil-Belt Valletta.

Nixtieq nagħlaq din il-kitba b'radd il-ħajr lil Alla li minnu tiġi kull ħaġa tajba. It-tieni tmur lejn il-Verġni Marija, l-Omm u Patruna tagħna, li mxiet magħna u mexxietna tul dawn is-sekli. Fuq kollox, ir-radd il-ħajr imur lill-aħwa li ġew qabilna u ħallewlna wirt kbir spiritwali, appostoliku u kulturali.

Hompesch
Stationery
Stationery Newspapers
Tobacco Cards
Photocopying Binding
Magazines Books
Rubber Stamps etc.
Hompesch Road, FGURA
Tel: 21672976

Atlas
Insurance
Atlas Insurance
J. Mangion
133(b), Cospicua Road, Fgura FGR1267, Malta
Tel: 27805454 • 79808007
Email: jmangioninsurance@gmail.com
Registered Tied Insurance Intermediary with
Atlas Insurance PCC Limited